A.L. 399 ta' l-2004

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI U L-PRIVATEZZA TAD-*DATA* (KAP. 440)

Avviż ta' bidu fis-seħħ tar-Regolamenti ta' l-2004 dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* (Proċessar ta' *Data* fis-settur tal-Pulizija)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 5 u 54(m) ta' l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*, il-Ministru għall-Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informazzjoni, bi ftehim mal-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, stabbilixxa t-3 ta' Settembru, 2004 bħala d-data meta għandhom jibdew iseħħu d-disposizzjonijiet kollha tar-Regolamenti ta' l-2004 dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* (Proċessar ta' *Data* fis-settur tal-Pulizija), pubblikati bl-Avviż Legali 142 ta' l-2004 fit-30 ta' Marzu, 2004.